MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 737/2004

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha propju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Joseph Vella**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm225.81 (mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu) dovuti bhala kera ta' meter ta' l-elettriku.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Ottubru 2003 u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-26 ta’ Lulju 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fil-11 ta’ Ottubru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------